# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Jannar 2018**

**Numru 12**

**Citazzjoni numru 804/05 AE**

**Kordin Grain Terminal Company Limited (C 10776)**

**v.**

**Middlesea Insurance p.l.c. (C 5553); illum Mapfre Middlesea p.l.c;**
**GasanMamo Insurance Limited (C 3143);**
**Elmo Insurance Limited (C 3500);**
**Atlas Insurance Limited (C 5601);**
**S.M.S. Insurance Agency Limited (C 5645) bhala s-socjetà lokali li tirraprezenta s-socjetà estera Ecclesiastical Insurance plc;**
**u Millenium Insurance Agency Limited (C 23927) bhala s-socjetà lokali li tirraprezenta s-socjetà estera Lloyd's Underwriters**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li s-socjetà attrici pprezentat fl-1 ta' Settembru, 2005, u li jaqra hekk:

"Peress illi s-socjeta attrici hija assikurata mas-socjetajiet konvenuti taht polza ta' assikurazzjoni bin-nomenklatura "Consequential Loss Policy", liema polza tkopri l-perjodu mill-1 ta' Awissu 2004 sa l-1 ta' Awissu 2005, kopja ta' l-istess qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "KGT1";

"Peress illi nhar il-Ħamis, 28 ta' April 2005, għall-habta ta' 11.30 ta' fil-ghaxija, gie rrapurtat hruq lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili, liema hruq sehh fuq proprjeta tas-socjeta attrici sitwata f'Kordin Grain Terminal, Kordin;

"Peress illi bhala konsegwenza ta' l-incendju, s-socjeta attrici sofriet u qieghdha ssofri danni sostanzjali fuq il-bini, fuq il-makkinarju proprjeta ta' l-istess socjeta u danni konsegwenzjali minhabba fil-waqfien fl-operat taghha sakemm is-sitwazzjoni tigi lura ghan-normal;

"Peress illi permezz ta' e-mail datata 29 ta' April 2005, Island Insurance Brokers Limited, f'isem is-soċjeta attrici (kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata "KGT2") nnotifikat lil Middlesea Insurance plc bl-intenzjoni tas-socjeta attrici li tibbenefika mill-beneficcji tal-polza fuq imsemmija u tirkupra b'hekk id-danni konsistenti f'nuqqas ta' qliegh u/jew telf li sofriet;

"Peress illi permezz ta' ittra datata 2 ta' Ġunju 2005, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "KGT3", Middlesea Insurance plc rrifjutat it-talba tas-soċjeta attrici għal indennizz taht il-Consequential Loss Policy (Dokument "KGT1") u dana ghar-ragunijiet moghtija fl-imsemmija ittra;

"Peress illi s-socjeta attrici ssostni li hi fil-fatt debitament koperta taht l-imsemmija Consequential Loss Policy u li hi ghalhekk intitolata li tirkupra minghand is-socjetajiet konvenuti l-ammont ekwivalenti ghat-telf li sofriet u li għadha qed issofri u dana inter alia ghar-ragunijiet imsemmija fl-ittra mill-Island Insurance Brokers Limited lil Middlesea Insurance plc, datata 8 ta' Ġunju 2005 hawn annessa u mmarkata Dokument "KGT4";

"Peress illi s-socjeta attrici ttentat inutilment li tiftiehem mal-Middlesea Insurance plc li t-terminu ta' tliet xhur fi klawżola 7 tal-Consequential Loss Policy ma japplikax għat-talba prezenti jew, f'kaz li l-Middlesea Insurance plc ssostni li t-terminu japplika, estensjoni ta' l-istess;

"Peress illi ghalhekk kellha tigi ntavolata l-kawza odjerna fi zmien tliet xhur skond klawzola 7 tal-Consequential Loss Policy;

"Jghidu ghalhekk is-soċjetajiet konvenuti għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

(1) "Tiddikjara illi s-socjeta attrici hi koperta taht il-Consequential Loss Policy ghat-telf konsegwenzjali kollu li sofriet wara l-incident tal-28 ta' April 2005;

(2) "Tillikwida d-danni konsistenti f'nuqqas ta' qliegh u/jew telf imgarrab mis-socjeta attrici b'konsegwenza ta' l-istess incident, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

(3) "Tikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti jħallsu lis-socjeta attriċi ammont ekwivalenti għal dik is-somma hekk likwidata bħala indennizz taħt il-polza".

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, ic-citazzjoni hija nulla jew ghandha tigi korretta ghaliex ma tiddeskrivix b' mod car u sewwa l-vertenza li nqalghet bejn il-partijiet u l-oggett u r-raguni tat-talbiet. Il-kuntratt ta' assikurazzjoni evidenzjat mill-polza numru 0092402191404 imsejha "Consequential Loss Policy" hija marbuta strettament mal-kuntratt ta' assikurazzjoni evidenzjat mill-polza numru 0092392190304 imsejha "Fire and Special Perils Policy" li tkopri hsarat fil-proprjetà immobbli u proprjetà ohra però mhux il-makkinarju tal-kumpannija attrici. Il-makkinarju huwa kopert b'kuntratt ta' assikurazzjoni iehor evidenzjat mill-polza numru 0052362197803 imsejha "Contractors Plant and Machinery Policy". Il-"Consequential Loss Policy" tkopri biss telf ta' profitti ikkawzat bhala konsegwenza tal-hsarat fil-proprjeta koperti mill-"Fire and Special Perils Policy" u ma tkoprix telf ta' profitti ikkawzat bhala konsegwenza ta' hsarat fil-makkinarju li, kif intqal, ma humiex koperti taht il-"Fire and Special Perils Policy". Il-vertenza nqalghet ghaliex il-kumpannija attrici qed tippretendi li hija koperta taht il-"Consequential Loss Policy" ghal telf ta' profitti kawzat bhala konsegwenza tal-hsarat fil-makkinarju.

"2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess u l-eccezzjonijiet l-ohra, l-ewwel talba attrici, u konsegwentement it-talbiet l-ohra sussegwenti li huma dipendenti mill-ewwel talba, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-"Consequential Loss Policy" imsemmija fit-talba ma tkoprix "it-telf konsegwenzjali kollu li sofriet [il-kumpannija attrici] wara l-incident tat-28 ta' April 2005" (kif pretiz fl-ewwel talba) izda tkopri biss it-telf hekk imsejjaħ "konsegwenzjali" skond it-termini u fil-limiti specifikati fil-kuntratt ta' assikurazzjoni. Minghajr pregudizzju ghal generalità ta' din l-eccezzjoni, jekk il-kumpannija attrici qed tippretendi li hija koperta taħt l-"Consequential Loss Policy" ghal telf "konsegwenzjali" soffert bhala konsegwenza tal-hsarat fil-makkinarju, dan ma hux kopert mill-imsemmi kuntratt ta' assikurazzjoni;

"3. Illi, minghajr pregudizzju għall-premess u l-eccezzjonijiet l-ohra, it-tieni u t-tielet talba huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u/jew huma

insostenibbli stante li fi kwalunkwe kaz il-kuntratt ta' assikurazzjoni de quo ma jkoprix in "nuqqas ta' qliegh u/jew telf imgarrab mis-socjetà attrici b'konsegwenza ta' l-istess incident" (kif pretiz mill-kumpannija attrici) izda biss l-indennizz kif specifikat taht l-istess kuntratt ta' assikurzzjoni;

"4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess u l-eccezzjonijiet l-ohra, għar-rigward dak it-telf ta' profitti ikkawzat bhala konsegwenza tal-hsarat fil-proprjeta koperti mill-"Fire and Special Perils Policy" u li huma rizarċibbli taht il-"Consequential Loss Policy", il-kumpanniji eccipjenti qatt ma rrifjutaw li jhallsuhom u ghalhekk m' ghandhomx jehlu l-ispejjez tal-kawza. Kif inghad aktar 'il fuq, il-vertenza inqalghet u allura din il-kawza giet istitwita mhux ghal dan it-telf izda għat-telf ta' profitti konsegwenza tal-hsarat fil-makkinarju".

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru, 2013, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

**1.** "**Tichad l-ewwel eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**
**2.** "**Tilqa' t-tieni eccezzjoni u tichad it-talbiet tal-attrici bl-ispejjez kontra taghha**".

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**<u>Fatti</u>**.

1. "Fit-28 ta' April 2005 sehh hruq fil-proprjeta tal-kumpannija attrici li tinsab f'Kordin Grain Terminal, Kordin.
2. "Fiz-zmien li fih sehh l-incident l-attrici kienet koperta minn tlett poloz ta' assigurazzjoni:-
(a) "**Contractors' Plant and Machinery Insurance,** li kienet tkopri danni u spejjez fuq makkinarju (fol. 59);
(b) "**Fire Insurance Policy** (fol. 124), li kienet tkopri hsara li ssir fil-bini, ghamara u *electronic components* u spejjez li jissemmew fil-polza.
(c) "**Consequential Loss Policy** (fol. 8), li kienet tkopri telf ta' qliegh.
3. "Il-kumpannija Island Insurance Brokers Limited kienet tiehu hsieb il-poloz ta' assikurazzjoni fl-interess tal-attrici.
4. "Skond xhieda li nghatat minn Louis Pavia, Managing Director ta' Island Insurance Brokers Limited, fl-1 ta' Mejju 2005 ircevew il-Consequential Loss Policy.

5. “L-attrici giet kumpensata ghad-danni li sofriet fil-makkinarju u l-bini taht il-Fire Policy u l-Contractors Plant and Machinery Policy.
6. “Ghamlet ukoll claim ghal telf ta’ qliegh minhabba l-hsara li sofriet fil-makkinarju. Filwaqt li l-attrici ssostni li l-makkinarju hu kopert mill-Consequential Loss Policy, il-konvenuta ssostni li dik il-polza qeghda tkopri l-bini biss ghaliex hi marbuta mal-Fire Insurance Policy.

“**<u>Eccezzjoni Preliminari</u>**.

“Eccezzjoni li ser tigi michuda ghaliex ic-citazzjoni hi cara u fil-fehma tal-qorti tiddiskrivi sew il-kwistjoni bejn il-partijiet. Fil-fatt fic-citazzjoni hemm riferenza ghall-ittra tat-2 ta’ Gunju 2005 (fol. 48) li biha Middlesea nfurmat lill-attrici li:-

> “*The business interruption claim being made as a result of the fire damage which occurred on 28 April 2005 was made under the consequential loss insurance with policy number 0092402191404. Our position of the insurance under this policy is that the material damage proviso operates only following the insurance under the fire and special perils policy with number 009232190304”.*

“Fic-citazzjoni l-attrici ghamlitha cara li qeghda tfittex hlas taht il-Consequential Loss Policy ghat-telf ta’ qliegh li sofriet b’rizultat tal-incident li sehh fit-28 ta’ April 2005. Fil-premessi hemm ukoll riferenza ghall-ittra li kienet baghatet Island Insurance Brokers Limited lil Middlesea, datata 8 ta’ Gunju 2005 (fol. 50), fejn iddikjarat li l-hlas dovut ghall-*business interruption* kellu jsir kollu. Hu evidenti li r-riferenza kien ghat-telf ta’ qliegh b’konsegwenza ta’ business interruption minhabba l-hsara li saret fil-makkinarju. Ghal dak li jikkoncerna t-talba ghal likwidazzjoni tad-danni, dan gie deskritt bhala *“nuqqas ta’ qliegh u/jew telf imgarrab mis-socjeta attrici b’konsegweza ta’ l-istess incident, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi”*. Talba li ssegwi l-ewwel talba fejn l-attrici qeghda titlob dikjarazzjoni li hi koperta taht il-Consequential Loss Policy ghat-telf li garrbet fl-incident tat-28 ta’ April 2005.

“Tant l-attrici ddeskriviet sew il-vertenza li nqalghet li l-konvenuti pprezentaw nota ta’ l-eccezzjonijiet fejn ipproponew difiza fil-meritu u spjegaw x’inhuma l-argumenti fil-meritu. Mill-bidunett il-konvenuti kienu jafu x’inhi l-pretensjoni tal-kumpannija attrici.

“**<u>Meritu</u>**.

“L-attrici qeghda tippretendi indenniz taht il-Consequential Loss Policy b’riferenza ghat-telf u hsara li sofriet fil-makkinarju fin-nirien li sehh fit-28 ta’ April 2009. Kif sewwa kkummentat l-attrici fin-nota ta’ sottomissjonijiet, il-kwistjoni hi dwar:-

> “*1.1 Jekk is-socjeta Kordin Grain Terminal Company Limited (“Kordin”) hijiex koperta taht il-Consequential Loss Policy li kienet vigenti fil-*

*mument tal-hruq fir-rigward tat-telf ta' qliegh konsegwenzjali ghal hruq ta' makkinarju.*

"*1.1.2 Jekk jigi stabbilit illi hemm ir-responsabbilta tas-socjetajiet konvenuti (minn issa 'l quddiem, ilkoll imsejjha "Middlesea") taht il-Consequential Loss Policy, kemm hu l-ammont ta' indennizz – u imghax – li jehtieg li jithallas"* (fol. 786).

"Consequential Loss Policy toffri ndenniz ghat-telf ta' qliegh minhabba riduzzjoni ta' turnover b'rizultat tal-interruzzjoni tan-negozju wara li tintilef jew issir hsara lill-proprjeta assigurata. Din it-tip ta' polza hi maghrufa wkoll bhala Business Interruption Policy, u tittiehed ma' polza ohra bhal per ezempju Fire Policy jew Machinery Breakdown Policy li jkopru d-danni materjali.

"Mill-provi li tressqu rrizulta li matul is-sena 2003 kienu qeghdin isiru negozjati relatati ma' tigdid ta' poloz li kellha l-attrici. F'dan ir-rigward f'email datata:-

i. "**20 ta' Gunju 2003** (fol. 65) mibghuta minn Lawrence Pavia lill-ufficjali tal-Middle Sea, saru proposti ghal tipi ta' assikurazzjoni:-
ii.
(a) "*Accidental Damage Property* – polza li tkopri l-bini;

(b) "*Accidental Damage Business Interruption* – polza li tkopri telf ta' qliegh minhabba hsara fil-bini;

(c) "*Contractors Pant all Risks (including machinery breakdown)* – polza li tkopri hsara lill-makkinarju.

(d) "*Contractors Plant all Risks including machinery breakdown*[1] *(business interruption)* – polza li tkopri telf ta' qliegh minhabba hsara fil-makkinarju. Dwar din il-polza fl-email jinghad:

*"Although you did not present terms for BI, I think this is an important component of KGTA' s insurance programme and would strongly recommend you put forward terms as well…..".*

iii. "**20 ta' Gunju 2003** (fol. 67) it-twegiba li nghatat mill-ufficjal tal-Middle Sea kienet tinkludi dan il-kumment:

"*CPAR inc. MB (Business Interruption).*
*Terms to be advised. We will refer matter to Munich Re".*

iv. "**8 ta' Lulju 2003** (fol. 70) mibghuta minn Anne Marie Magrin (ufficjal ta' Island Insurance Brokers Limited) jinghad li l-istruzzjonijiet tal-klijent kienu sabiex jiggeddu l-poloz ta' assikurazzjoni a bazi tat-taghrif li kienet qeghda taghti. Dwar *Loss of Profits following Contractors Plant and Machinery (incl. Machinery Breakdown)*

[1] Fl-email il-kliem *"machinery breakdown"* tnizzlu bl-inizjali "MB"

jinghad: *“A proposal form has been completed and terms are to be provided by leader”.*

v. “**31 ta’ Lulju 2003** (fol. 72), Mark Spiteri (ufficjal ta’ Island Insurance Brokers Limited) kiteb lil Joseph Avellino (ufficjal ta’ Middlesea Insurance plc) u qallu: *“We would appreciate if you would let us have PL terms and CPAR/Machinery BI quotes at the earliest. Please note policies expired on 08/07/2003 and client has now been without cover for 3 weeks”*.

“Lanqas m’hemm prova x’sar wara l-*proposal form* li tissemma fl-email tat-8 ta’ Lulju 2003 fir-rigward tal-*Loss of Profits following Contractors Plant and Machinery (incl. Machinery Breakdown)*. Fl-affidavit Joseph Avellino ghamel riferenza ghal dan (fol. 722), pero ma qalx x’gara wara l-email tat-8 ta’ Lulju 2003 li ntbaghtet minn Anne Marie Magrin (fol. 70).

“Minn dan l-iskambju ta’ korrispondenza, il-konkluzjoni tal-qorti hi li fis-sena 2003 id-diskussjonijiet li saru kienu fis-sens li l-kumpannija attrici tkun koperta kemm ghal dak li jikkoncerna hsara fil-bini u makkinarju u wkoll telf ta’ qliegh, pero’ b’erba’ poloz. Mill-atti ma jirrizultax li gew prezentati kopja tal-poloz li l-attrici kellha matul is-sena 2003.

“Li hu cert hu li meta f’April 2005 sehh l-incident kien hemm tlett poloz:-

i. “Contractor’s Plant and Machinery Insurance;
ii. “Fire and Special Perils Policy; u
iii. “Consequential Loss Policy;

“Jirrizulta li l-Consequential Loss Policy kienet diga’ tezisti ghaliex fis-6 ta’ Awissu 2004 Island Insurance Brokers Limited harget *Cover Note – Renewal* (fol. 63) dwar polza ta’ asskurazzjoni fejn il-Cover huwa deskritt bhala:-

> “*Loss of Gross Profit and Additional Expenditure suffered as consequence of loss or damage as covered by the corresponding Fire and Special Perils Insurance Policy”.*

“Fid-dokument jinghad ***“This is not an Insurance Policy”***. Madankollu l-*cover note* hi fiha nnifisha prova ta’ dak li ser tkopri l-polza. Il-qorti ma tistax tiskarta dak li jinghad f’dan id-dokument. Ma tressqet l-ebda prova li l-attrici kienet ghaddiet xi kumment dwar dak li jinghad fil-cover note. Interessanti wkoll hi email datata 30 ta’ Lulju 2004 li Mark Spiteri, ufficjal tal-Island Insurance Brokers Limited, baghat lil Joseph Avellino (fol. 728) fejn talbu biex iggedded dawn il-poloz ta’ assikurazzjoni:

> “*1. Fire Perils and Theft*
> ***Property Insured: Buildings Lm5,090,000 R***
> *Fire Exitinguishing Costs Lm50,000*

*Office Furniture etc Lm15,000 R ……..*

*2. Business Interruption – **FSPT***
*Sum Insured: Lm710,000*
*Excess: Lm12,500 each and every loss…….*

*3. CPAR & Machinery Breakdown*
*Sum Insured: Lm4,900,000.*
*Premium: Lm31,850……"*.

"Rilevanti kif f'din l-email ukoll il-polza ta' Consequential Loss (jew Business Interruption) hi marbuta mal-Fire Policy indikata bl-inizjali FSPT.

"L-attrici qeghda ssostni li ghandha ragun fit-tezi taghha:-

i. "Minhabba li l-kliem tal-polza huwa car u ma hemm lok ghal ebda interpretazzjoni;
ii. "L-intenzjoni tal-partijiet.
iii. "Id-dubju ghandu jimmilita favur l-assigurat[2].

"Hu fatt li partijiet mill-polza jatuk x'tifhem li qeghda tkopri wkoll telf ta' qliegh f'kaz ta' hsara lill-makkinarju. F'dan ir-rigward fil-polza jinghad:

"*In consideration of the Insured named in the Schedule hereto paying to the Middlesea Insurance plc… the First Premium mentioned in the said Schedule, the Company agrees ….. that is after the payment of the First Premium* ***any Building or other Property or any part thereof used by the Insured at the Premises for the purpose of the Business be destroyed or damaged by Fire or Lightning at any time during the last day of the Period of Insurance named in the said Schedule****… and the Business carried on by the Insured at the premises be* (recte, by) *in consequence thereof interrupted or interfered with.*

"*Then the Company will pay to the Insured in respect of each item in the specification hereto to the amount of loss resulting from such interruption or interference in accordance with the provision therein contained.*

"*Provided that at the time happening of the Damage there shall be in force an insurance covering the interest of the Insured in the property at the Premises against such Damage and that payment shall have been made and liability admitted therefore under such insurance"*.

"Fil-polza jinghad ukoll:

"*Incident: Loss or destruction of or damage to property used by the Insured at the Premises for the purpose of the Business"* (fol. 38).

[2] Ara punti 3.1, 3.2 u 3.3 tan-nota ta' sottomissjonijiet.

"Il-kliem hu generali u *prima facie* jatik x'tifhem li l-Consequential Loss Policy qeghda tkopri wkoll telf ta' qliegh minhabba telf jew hsara lill-makkinarju. Pero' wiehed ma jistax jara din il-parti tal-polza b'mod izolat mill-kumplament tal-polza. Fil-polza jinghad ukoll:-

i. "Fl-endorsement 2/2004:- *"Maximum Indemnity Period: 12 months following an indemnifiable loss under Fire Policy No. 0092402190304"* (fol. 38);

ii. "Fl-endorsement 8/2004 jinghad:*"Consequential Loss Specification Policy No 0092402191404 following Fire Policy No. 0092392190304"* (fol. 28);

iii. *"Consequential Loss Specification Policy No 0092402191404 following Fire Policy No. 0092392190304"* (fol. 43)[3];

"Taghrif li f'ittra datata 26 ta' Mejju 2005 (fol. 747) Island Insurance Brokers Limited talbet li jitnehha. Ovvjament wiehed irid jiftakar li l-polza ntbagahtet wara li sehh l-incident, kif wara kollox saret it-talba ghall-korrezzjonijiet. Dan kien fi zmien meta jidher li kien diga' hemm il-kwistjoni li eventwalment wasslet ghal din il-kawza.

"In vista ta' dak li jinghad fil-polza u riportat hawn fuq, il-qorti ma tistax taqbel mal-attrici li l-kliem hu car u m'hemmx lok ghall-interpretazzjoni. Ghalkemm il-kliem li hemm fl-ewwel faccata tal-polza (fol. 8) hu generiku, li evidentement hu *standard form* f'din it-tip ta' polza[4], fl-istess polza hemm ukoll riferenza ghal Fire Policy. Il-kliem generiku fl-ewwel faccata tal-Consequential Loss Policy hu evidetement kwalifikat mir-riferenza li saret ghall-Fire Policy fil-kumplament tal-polza.

"F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:-

i. "Fl-affidavit Lawrence Pavia ghamel riferenza ghall-poloz li kien hemm qabel it-tigdid li sehh fis-sena 2003 (fol. 80-81). Fil-fehma tal-qorti dak li kien hemm qabel it-tigdid fl-2003 fir-rigward tal-Accidental Damage (Property) Insurance u Accidental Damage (Business Interruption) Insurance, m'huwiex rilevanti. Qieghed jinghad hekk ghaliex qabel, il-polza Accidental Damage (Property) Insurance kienet tkopri telf u hsara lill-bini u **makkinarju**. Pero fl-2003 din il-posizzjoni ma baqeghetx l-istess ghaliex il-makkinarju ma baqax ikun kopert taht l-Accidental Damage (Property) Insurance, li baqghet tapplika biss ghall-bini u ghamara;

ii. "M'hemmx dubju li f'Gunju 2003 l-insurance broker kien qieghed jitlob lill-Middlesea sabiex taghti Consequential Loss Policy ghall-

---

[3] Hu evidenti li hemm zball fin-numru tal-Fire Policy ghaliex in-numru taghha kien 0092392190304.

[4] Ara spjegazzjoni li ta Joseph Avellino fl-affidavit f'dik il-parti ntestata "Il-Gwida ABI ghad-Dicitura tal-Assigurazzjoni" (fol. 721).

makkinarju. Mill-korrispondenza jirrizulta li kienet qeghda titlob ghall-erba' poloz[5], li wahda minnhom kienet Contractors Plant All Risks (Business Interruption) [ara email tal-20 ta' Gunju 2003 a fol. 65]. Sahansitra, jidher li ntbaghatet *proposal form* [ara email tat-8 ta' Lulju 2003 a fol. 70];

iii. "Mill-korrispondenza li baghat l-insurance broker hu car li l-Consequential Loss Policy relatata mal-makkinarju kellha tinkludi *machinery breakdown*. Mela din ma kellix tkun polza ghal telf ta' qliegh minn *machinery breakdown* biss, kif kien hemm qabel. F'Gunju 2003 waqt li kienu qeghdin isiru diskussjonijiet ghat-tigdid tal-poloz, Middlesea kienet tat id-dettalji dwar tlett poloz li ma kienux jinkludu l-Contractors Plant All Risks (Business Interruption). Fil-fatt kienet infurmat lill-broker li ser tghidlu bil-kondizzjonijiet wara li tirreferi barra minn Malta. Polza li hu evidenti li kellha tkopri t-telf ta' qliegh f'kaz ta' telf jew hsara fil-makkinarju. Konkluzjoni li l-qorti qeghda tasal ghaliha peress li fl-email tal-20 ta' Gunju 2003 (fol. 65) Lawrence Pavia stess kiteb *"CPAR incl MB (Business Interruption)"* li jfisser *Contractors Plant All Risks* ***including***[6] *Machinery Breakdown (Business Interruption)*. L-istess fl-email tat-8 ta' Lulju 2003 (fol. 70). Il-kelma *"including"* tfisser li l-polza kellha tkopri **ukoll** *machinery breakdown*, kopertura li f'email tat-18 ta' Gunju 2003 (fol. 725) Middlesea kienet infurmat lill-broker li ma reditx tkopri tali riskju. Fil-fatt fir-rigward tal-polza *Machinery Loss of Profits* il-kumment kien: *"We do not wish to invite renewal"*;

iv. "Lawrence Pavia xehed li waqt id-diskussjonijiet kien irrizulta bic-car li mhux ser ikun hemm kopertura ghall-makkinarju taht il-polza Accidental Damage Property Insurance, pero ma kienx issemma li *"[….] l-Accidental Damage Business Interruption Insurance, kienet ser teskludi interruzzjonijiet wara hsara accidentali lill-makkinarju (inkluz nar)"* (fol. 83). Il-qorti ma temminix, meqjus:-

(a) "Li hu evidenti li l-polza tal-*business interruption* kienet abbinata ma' dik li rrefera ghaliha bhala Accidental Damage Property Insurance, li eventwalment saret Fire and Special Perils Policy. Ir-raguni wkoll tghidlek li ladarba l-makkinarju ma baqax kopert taht dik il-polza, mela l-makkinarju ma setax ikun kopert taht il-polza relatata mal-*business interruption* gialadarba dik il-polza kienet abbinata mal-Accidental Damage Property Insurance li ma baqatx tkopri l-makkinarju.

(b) Li kuntrarjament ghal dak li qal Pavia tant waqt id-diskussjonijiet dan 'il fatt kien issemma li f'email li baghat hu stess fl-20 ta' Gunju 2003 (fol. 65), qal li hemm bzonn ta' polza Contractors Plant All Risks li tkopri l-*business interruption* li tkun **tinkludi** *machinery breakdown*. Mela din il-polza ma kenitx ser tkun limitata biss ghat-telf ta' qliegh

[5] *Accidental Damage Property* u *Accidental Damage Business Interruption* li kienu jirreferu ghall-bini, u *Contractor Plant All Risks (including machinery breakdown)* u *Contractor Plant All Risks including machinery breakdown (Business Interruption)* li tkopri l-makkinarju.
[6] Enfazi tal-qorti.

b'rizultat ta' sospensjoni ta' negozju minhabba *machinery breakdown*, kif ipprova jaghti x'jifhem ix-xhud. Din il-polza kellha tkun abbinata mal-polza "Contractors Plant All Risks (including machinery breakdown)", li tissemma fl-istess email u li wiehed mill-perikli li kienet tkopri kien proprju l-hruq;
(c) Dak li l-broker stess iddikjara fil-cover note li baghat lill-klijent.

v. "Jirrizulta li b'email tal-31 ta' Lulju 2003 (fol. 72) impjegata tal-broker talbet ghal *"CPAR/Machinery BI quotes at the earliest. Please note policies expired on 8/08/2003 and client has now been without cover for 3 weeks"*. Din kellha tkun ir-raba' polza[7], izda m'hemmx kontestazzjoni li fis-sena 2003 kienu nhargu tlett poloz biss. M'hemmx prova li t-*terms and conditions* qatt intbaghatu lill-attrici. Hekk ukoll m'hemmx prova li l-konvenuti qatt hargu polza Contractors Plant All Risks (Business Interruption) kif kien talab il-broker li ma tkunx limitata biss ghal *machinery breakdown*. Il-qorti trid ticcara li dan ma jfissirx li l-attrici ma reditx li l-makkinarju jkun kopert ghal telf ta' qliegh minhabba waqfien ta' xoghol, izda sempliciment li mill-provi ma rrizultax li l-broker gabilha kopertura f'dan is-sens;

vi. "Wiehed mill-argumenti tal-attrici hu li fejn fil-polza hemm il-material damage proviso, il-polza ma torbotx *"[….] il-kopertura ma' polza partikolari (bhal f'dan il-kaz), dan ghandu jfisser li sakemm il-material damage huwa kopert minn hsarat ikkawzati min-nirien – that liema polza tkun li tkun – ghandha tiskatta l-kopertura taht il-consequential loss policy"* (fol. 794). Jekk hu hekk, x'kienet ir-raguni li fid-diskussjonijiet li kien qieghed ikollha matul Gunju 2003 il-broker kien qieghed jitlob li jkun hemm zewg poloz li jkopru l-business interruption, wahda ghall-bini u l-ohra ghall-makkinarju li ma kenitx ser tkun limitata ghal material breakdown tal-makkinarju ? Sahansitra fl-email tal-31 ta' Lulju 2003 (fol. 72) impjegata tal-broker talbet ghal *"CPAR/Machinery BI quotes at the earliest. Please note policies expired on 8/08/2003 and client has now been without cover for 3 weeks"*. Fatt li jsahhah it-tezi tal-konvenuta li l-Consequential Loss Policy abbinata mal-Fire Policy ma kellix tkopri l-hsara tal-makkinarju.

vii. "F'email ohra datata 30 ta' Lulju 2004 (fol. 728) l-ufficjal ta' Island Insurance Brokers Limited talab lil Middlesea sabiex iggedded il-Fire Policy u jiddikjara li kienet tkopri l-bini, u wkoll *"Business Interruption – FSPT"* li tfisser Fire Special Perils and Theft[8]. Konferma ohra li din il-polza kienet qeghda tkopri telf ta' qliegh b'rizultat ta' telf u hsara lill-bini, ghamara u *electronic components*.

viii. "Il-cover note mahruga minn Island Insurance Brokers Limited fis-6 ta' Awissu 2004 fir-rigward tal-polza Consequential Loss kienet cara, fis-sens li qeghda tkopri telf jew hsarat koperti mill-*Fire & Special Perils Policy*. Ghall-qorti hekk biss jista' jiftiehem il-kliem: *"Loss of*

[7] Ara email tal-20 ta' Gunju 2003 (fol. 65) u email tat-8 ta' Lulju 2003 (fol. 70) li ntbaghatu minn ufficjali tal-Island Insurance Brokers Limited.
[8] Ara xhieda ta' Lawrence Pavia in kontro-ezami (fol. 744).

*Gross Profit and Additional Expenditure suffered* ***as a consequence of loss or damage as covered by the corresponding Fire and Special Perils Insurance Policy"*** (enfazi tal-qorti). Il-kliem *"loss or damage"* qeghdin jirreferu ghall-proprjeta assigurata taht il-Fire Policy gialdarba hu fil-proprjeta li assigurat isofri *"loss or damage"*. Ghalhekk dan il-kliem m'ghandu x'jaqsam xejn mal-perils assigurati taht il-polza in ezami, li fl-istess cover note huma deskritti separatament fil-parti Perils:-

> "*Fire, lightning, explosion, storm and tempest, flood, burst pipes, impact by third party vehicles horses or cattle, earthquake, riot and strike, malicious damage and theft involving forcible and violent entry to and/or exit from the premises including damage to the property as a result of theft or attempted theft following forcible and violent entry to or exit from the premises"*.

"Fil-Consequential Loss Policy stess il-perils li qeghda tkopri l-polza huma elenkati (ara fol. 22 u 25) u ghalhekk ir-riferenza ghall-Fire Policy m'ghandha x'taqsam xejn mal-perils li jissemmew fil-Fire Policy (fol. 138).

"Hu veru li d-dokument ma nharigx mill-assiguratur, pero fih innifsu hu prova li Consequential Loss Policy kienet abbinata mal-Fire & Special Perils Policy, li kienet tkopri l-bini, l-ghamara tal-ufficini u *electronic components* biss. Certament li l-broker ma nizzilx dawk il-kliem minn jeddu u kien qieghed jirriproduci dak li ftehem, ghan-nom tal-kumpannija attrici, mal-Middlesea. Lawrence Pavia stess xehed: *"Nikkonferma illi f'dan id-dokument fil-qasir ikun hemm dak illi ftehemna fil-principju mal-kumpannija assiguratrici….."* (fol. 744). L-istess xhud ma ta l-ebda spjegazzjoni li tista' twassal lill-qorti biex tiskarta dak li jinghad fil-cover note.

"F'dawn ic-cirkostanzi l-qorti m'ghandix dubju li fiz-zmien meta sehh l-incident l-Consequential Loss Policy (fol. 8) kienet qeghda tkopri biss telf ta' qliegh minhabba telf jew hsara fil-bini u l-affarijiet l-ohra li jissemmew fil-Fire Policy (fol. 124). Il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-attrici li wara l-incident Middlesea dahhlet eskluzjoni fil-polza Consequential Loss. Ir-riferenza li saret fil-polza ghall-Fire Policy m'hijiex xi *after thought* tal-Middlesea biex tipprova tevita li thallas ghal telf ta' qliegh li sofriet l-attrici matul il-perjodu li ma setatx taghmel uzu mill-makkinarju minhabba n-nirien. Fil-fehma tal-qorti l-verzjoni li tat Middlesea tirrifletti l-verita' u dan kif jirrizulta minn dak li nghad hawn fuq. Jekk il-broker ma hax hsieb jizgura li titwettaq l-intenzjoni tal-kumpannija attrici, cjoe' li jkollha kopertura ghat-telf ta' qliegh minhabba sospensjoni tan-negozju b'rizultat tat-telf jew hsara fil-makkinarju, dan hu *res inter alios* ghall-assiguraturi".

Rat id-digriet li l-istess Qorti kienet tat fis-27 ta' Frar, 2007, li bih ordnat l-isfilz ta' rapport imhejji minn Andrew King u pprezentat fl-atti mis-socjetà attrici;

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjetà attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

> "9.1.1 Thassar u tirrevoka d-digriet tas-27 ta' Frar 2007 billi tichad it-talba ghall-isfilz tar-rapport ta' Andrew King u konsegwentement tammetti l-istess rapport in atti bhala prova ammissibbli u taghti dawk il-provvedimenti li jidrilha li huma xierqa sabiex il-prova prodotta permezz tar-rapport tittiehed in konsiderazzjoni fid-decizjoni finali.
>
> "9.1.2 Tikkonferma s-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013 f'dik il-parti taghha li laqghet it-tieni eccezzjoni tal-Middlesea u tghaddi minflok sabiex tilqa' l-ewwel talba tal-Kordin u tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex jigi likwidat l-ammont pretiz skond it-tieni u t-tielet talba fic-citazzjoni ta' Kordin.
>
> "9.2 Bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra l-appellati".

Rat ir-risposta tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti:

> "ghandha tichad l-appell fl-intier tieghu, filwaqt li tikkonferma kemm id-digriet tas-27 ta' Frar 2007, kif ukoll is-sentenza appellata tat-3 ta' Ottubru 2013, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-kumpannija appellanti".

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi jirrizulta li fit-28 ta' April, 2005, sehh hruq fil-proprjetà tal-kumpanija attrici li tinsab f'Kordin Grain Terminal. Fiz-zmien tal-incident, il-kumpanija attrici kienet koperta bi tlett poloz ta' assikurazzjoni kif spjegat fil-parti preliminari tas-sentenza tal-ewwel Qorti riprodotta aktar qabel. Il-kwistjoni bejn il-partijiet hija pjuttost semplici biex tigi identifikata u hija jekk il-*Consequential Loss Policy* tkoprix biss telf ta' profitti kkawzat bhala konsegwenza tal-hsarat fil-proprjetà koperti mill-*Fire and Special Perils Policy* (bazikament, il-bini), kif jghidu l-konvenuti u li qablet maghhom l-ewwel Qorti, jew jekk tkoprix ukoll telf ta' profitti ikkawzati bhala konsegwenza ta' hsarat ikkawzati b'nirien fil-makkinarju, kopert bil-*Contractors' Plant and Machinery Insurance*, kif tallega s-socjetà attrici appellanti.

Kif inghad, l-ewwel Qorti abbracjat it-tezi tal-konvenuti u osservat li minn qari tal-poloz fl-intier taghhom u mill-korrispondenza skambjata, ma kienx jidher li l-*Consequential Loss Policy* kienet tkopri ghat-telf ta' qliegh rezultat ta' hsara fil-makkinarju rezultat minn nirien. Is-socjetà attrici appellat minn din is-sentenza u tissottometti li l-kliem tal-polza huma cari u jkopri telf ta' qliegh kemm minhabba nirien fil-bini kif ukoll rezultat ta' nirien fil-makkinarju.

Trattat l-appell din il-Qorti tibda biex tosserva li kuntratt ta' assikurazzjoni huwa wiehed ta' *uberrima fides* li jorbot kemm l-assikurat kif ukoll s-socjetà ta' assikurazzjoni. Hawnhekk il-Qorti sejra zzomm quddiem ghajnejha l-principji in materja li gew esposti minnha fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **Montaldo Insurance Agency Limited noe v. Abela et**, deciza fit-18 ta' Lulju, 2017. Fir-rigward intqal hekk:

> "*Fil-gurisprudenza tal-Qrati Ingliza jidher ukoll li huwa accettat il-principju li l-obbligu ta' uberrima fides ma jorbotx biss lill-assikurat, izda anke li assikurazzjoni, u filfatt, fissentenza fl-ismijiet Drake Insurance plc vs Provident Insurance plc intqal illi:*
>
> > "*[t] the doctrine of good faith should be capable of limiting the insurer's right to avoid in circumstances where that remedy... would operate unfairly.. It may be necessary to give wider effect to the doctrine of good faith and recognize that its impact may demand that ultimately regard must be had to a concept of proportionality implicit in fair.*"[9]
>
> "*Dan il-principju huwa filfatt accettat ukoll mill-Qrati Maltin kif jidher mis-sentenza fl-ismijiet Gordon Borda vs Elmo Insurance Agency et deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta' Mejju 2004 fejn intqal illi:*
>
> > "*il-principju ta' uberrima fides jorbot mhux biss lill-assikurat izda liz-zewg partijiet, u l-qorti tara illi fl-imgieba taghha s-socjetà konvenuta qieghda twaqqa' dan il-principju minn wiehed ta' bona fides ghal wiehed purament mekkaniku li l-assikuratur jinqeda bih biex jehles mill-obbligazzjonijiet tieghu taht il-polza*".
>
> "*Kif tajjeb ifiehem Semin Park fil-The Duty of Disclore in Insurance Contract Law (1996) Dartmouth:*
>
> > "*uberrimae fidei must not be indiscriminately used by insurers and judges as an excuse for ignoring insurance claims*".
>
> "*Dan il-principju gie riaffermat ripetutament minn dawn il-Qrati li sostnew illi l-principju ta' uberrimae fidei, cioe' urmost good faith, ma japplikax biss ghall-assigurat, izda japplika ukoll ghas-socjeta assiguratrici.*

[9] [2004] QB 601, [87]-[89].

> "*Hekk gie ritenut minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-sentenza tal-31 ta' Ottubru, 2007 fl-ismijiet Andre Scerri pro et noe vs. Lloyd's (Malta) Limited noe:*
>
> > "*Illi fil-fatt jirrizulta ghalhekk li l-obbligu ta' bona fede japplika ghaz-zewg partijiet u din is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell*[10] *ikkonfermat li s-socjeta assikuratrici hija wkoll marbuta b'dan il-4 [2004] QB 601, [87]-[89]. 5 Marco Tanti vs O.F. Gollcher & Sons Limited noe (6 ta' April 2006 – App Civ Nru: 907/1996) principju ta' uberrima fides u b'hekk l-imgiba tas-socjeta assikuratrici ma ghandhiex tkun li twaqqa' dan il-principju minn wiehed ta' bona fides ghal wiehed purament mekkaniku li l-assiguratur jinqeda bih biex jehles mill-obbligazzjonijiet tieghu taht il-polza....*".
>
> "*Vide wkoll Bertu Camilleri et vs Harold Bartoli et nomine (P.A. (TM) – 9 ta' Ottubru 2003); Mario Mizzi nomine et vs. Mario Grech et nomine (P.A. (PS) – 3 ta' Ottubru 2003); Joseph Rizzo vs John Formosa nomine et (P.A. (TM) – 3 ta' Ottubru 2002)*".

Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, ezaminat il-poloz in kwistjoni, u tqies li ghandha taqbel mal-konkluzjoni taghha, u dana meta tapplika l-principju ta' bona fide li, kif intwera, jghodd ghaz-zewg nahat. Kif osservat l-ewwel Qorti, minn qari tal-ewwel parti tal-assikurazzjoni in kwistjoni wiehed jista' jifhem li l-*Consequential Loss Policy* kienet tkopri ghal telf ta' qliegh f'kull tip ta' proprjetà li tigrilha hsara minn nirien. Jekk wiehed, pero`, iqies l-assjem tad-dokumenti, ghandu jirrizulta car li din il-polza ma kellhiex effett hekk wiesgha.

L-ewwel u qabel kollox hemm il-*cover note* ghar-rigward tal-imsemmija polza mahruga mill-*brokers* tas-socjetà attrici. Kif taghraf il-gurisprudenza lokali, il-*broker* huwa l-agent tal-assikurat stess. Inoltre, huwa principju ben not li *cover note* hija dokument li l-kumpanija

[10] [2004] QB 601, [87]-[89]. 5 Marco Tanti vs O.F. Gollcher & Sons Limited noe (6 ta' April 2006 – App Civ Nru: 907/1996)

assikuratrici hija obbligata li tohrog gia ladarba tigi approvata l-polza u tithallas il-polza. Dan ghaliex sakemm il-polza proprja tinghata lill-assikurat, jghaddi certu tul ta' zmien. Il-*cover note* hija ghalhekk certifikat temporanju ta' assikurazzjoni ghal dan il-perjodu li jikkonferma li l-persuna indikata fiha hija koperta bl-assikurazzjoni hemm deskritta u taht il-kondizzjonijiet hemm indikati. Din ghalhekk ghandha l-istess sahha ta' polza f'kaz li jinqala' xi riskju kopert minnha qabel ma tasal il-polza proprja u zzomm lill-partijiet marbutin bi kwalunke termini specjali jew limitazzjonijiet inkluzi fiha.

Kif intqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Mizzi noe v. Grech et noe**, deciza fit-3 ta' Ottubru, 2003:

> "*(a) Il-broker huwa l-agent ta' l-assikurat u mhux tal-kumpanija assikuratrici – "Lawrence Azzopardi et nomine –vs- Joseph Muscat", Appell, 7 ta' Ottubru 1997; "Newsholme Bros. –vs- Road Transport and General Insurance Co. Ltd." (1929 – All E R Rep 442);*
>
> "*(b) L-istess bhal Proposal Form, il-Cover Note "hija parti ntegrali tal-polza ta' l-assikurazzjoni; u kwindi dikjarazzjoni falza maghmula fil-formula hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza" – "Antonio Zammit –vs- Joseph Micallef nomine", Qorti tal-Kummerc, 31 ta' Jannar 1952. Li jfisser illi "insurance by Cover Note entails the same duty of disclosure by an applicant as attaches to a formal policy of insurance" – "Mayne Nickless Ltd – vs- Pegler", Supreme Court of New South Wales, Australia, 1974 – N.S.W. C.R. 228)*".

Il-*cover note* in kwistjoni tghid b'mod car li kumpens ghat-telf ta' qliegh huwa marbut ma' hsara li tigri fil-bini, u meta s-socjetà attrici rceviet dan id-dokument ma ressqet ebda oggezzjoni jew kumment.

Barra minn dan, il-*Consequential Loss Specification*, li huma parti mill-polza, tirreferi biss ghal polza fuq il-bini u mhux ghal kwalunkwe polza. Hekk ukoll l-*Endorsement Note* tal-2004, li tghid li tifforma parti mill-polza, tispjega li l-polza, li tkopri telf ta' qliegh, topera *following fire policy*, li hi dik tal-bini. Hu veru li l-poloz inghataw f'idejn is-socjetà attrici wara l-incident, pero` jirriflettu l-hsieb tas-socjetà attrici li ma tkoprix telf ta' qliegh rizultat ta' hruq fil-magni. Kif tajjeb analizzat l-ewwel Qorti, minn studju tad-diversi ittri skambjati ma jirrizultax li s-socjetà assikuratrici qatt kellha hsieb li tkopri dak issa mitlub mis-socjetà attrici. L-*e-mails* skambjati, partikolarment mal-*broker* tas-socjetà attrici, juru car dan l-intendiment.

Dwar l-intenzjoni tal-partijiet, fil-fatt, jista' jkun li l-hsieb tas-socjetà attrici kien li titlob kopertura ghat-telf ta' qliegh rezultanti minn nirien fil-makkinarju, pero` ma jirrizultax li dan kien il-hsieb ukoll tal-konvenuti; Kif jinghad minn guristi Taljani, l-intenzjoni tal-partijiet torbot meta jirrizulta *la comune intenzione delle parti* (M.Bianca, Vol. 4 L'Obbligazzione), altrimenti jorbot il-miktub, u minn dan johrog car li t-telf ta' qliegh kellu jigi rimborsat biss f'kaz li dan ikun rizultat ta' nirien fil-bini. Fil-fatt, jirrizulta li kienu saru negozjati ghall-assikurazzjoni li tkopri l-hsara b'mod estensiv, izda ma kienx hemm qbil, partikolarment ghax il-*premiums* kienu se jkunu gholjin. Il-qbil sar fuq il-poloz kif formulati, u din il-Qorti tara li jkun kontra kull principju ta' bona fide li, issa li grat il-

hsara, testendi l-effetti tal-polza in kwistjoni biex tkopri telf eskluz mill-istess polza.

Ghall-bqija, din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti ghamlet analizi korretta tal-provi li kellha quddiemha, u ma jirrizultalha xejn biex iwassalha tvarja dak l-apprezzament. Huwa llum principju ben stabbilit li f'dak li ghandu x'jaqsam mal-apprezzament tal-provi, din il-Qorti, fil-kapacità taghha ta' qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, sakemm ma jkunx hemm xi raguni li tiggustifika talli ri-ezami. Hija prassi ormai stabbilita li fin-nuqqas ta' provi li juru li tezisti raguni jew ragunijiet serji u gravi bizzejjed li jiddettaw mod iehor, din il-Qorti tat-tieni grad kemm jista' jkun ma tiddisturbax dak l-apprezzament u evalwazzjoni tal-provi li jkunu saru mill-ewwel Qorti, u li, allura, tkun qieghda fl-ahjar qaghda li tisma', tikkontrolla, u tevalwa l-istess provi u xhieda prodotta u mismugha quddiemha. (Ara per ezempju sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Laura Seguna et v. Francis Mallia et** deciza fis-27 ta' April, 2001). Meta tapplika dawn il-principji ghall-kaz in ezami, u wara li rat il-provi in atti, din il-Qorti ma tirrizultalha ebda raguni valida sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi hekk kif maghmul mill-ewwel Qorti. Dan jinghad ukoll peress li meta din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza waslet ghall-istess konkluzjoni tal-ewwel Qorti.

Fil-kuntest tas-smigh tax-xhud li l-ewwel Qorti ma ppermettietx, hu veru li x-xhieda ta' espert ex-parte hija llum il-gurnata ammissibbli fil-ligi, pero`, dejjem sta ghall-qorti tqies xhieda proposta bhala rilevanti jew le, u meta tqies li f'dan il-kaz il-materja ddur fuq interpretazzjoni ta' poloz ta' assikurazzjoni u tad-diversi ittri skambjati, xoghol li setghet taghmlu u fil-fatt ghamlitu l-ewwel Qorti, ma tarax li n-nuqqas ta' smigh ta' dan ix-xhud kien ta' pregjudizzju ghas-socjetà appellanti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjetà attrici billi tichad l-istess u tikkonferma kemm id-digriet tal-ewwel Qorti tas-27 ta' Frar, 2008, kif ukoll is-sentenza finali tat-3 ta' Ottubru, 2013, bl-ispejjez in prim istanza jithallsu kif deciz mill-ewwel Qorti, u dawk ta' din it-tieni istanza mis-socjetà attrici appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb